# IL-WARDA TA' L-EWKARISTIJA

Fuq l-artal tal-knejjes tagħna
Tiftaħ warda li qatt ma tibdiel,
Bħal tas-silġ il-bjuda tagħha;
Qatt ma titlef il-fwieħa u l-ġmiel.

L-ilma safi li jsaqqiha
Hi l-imħabba li ġiet mis-smewwiet;
L-oħla żiffa tar-rebbiegħa
Dejjem tfewweġ ma' dawk in-naħiet.

Ma kienx bniedem min żeragħha
Din il-warda li qatt ma tibdiel;
Rat għaddejja snin qalila
Bla ma tilfet il-fwieħa u l-ġmiel.

Ibqa' fostna, bint is-safa,
Warda mnissla ġo l-ogħla smewwiet;
F'dik iż-żergħa minn tal-ħajja
Illi tnibbet fuq l-art ta' l-imwiet.

(*"Il-Parroċċa tar-Raħal Ġdid"*, Jannar 1919, p. 68)